*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 13,377, 28 ta' Ġunju, 1977*
*Taqsima C*

**Nru. 31**
28. 6. 77

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Agatha Barbara, M.P., Ministru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura, u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tal-31 ta' Mejju, 1977.

**ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1957 dwar il-Ħinijiet tax-Xogħol tal-Ħwienet u Bejjiegħa fit-Toroq.**

C. MIFSUD
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Agatha Barbara, M.P., Minister of Labour, Welfare and Culture and read the First time at the Sitting of the 31st May, 1977.

**AN ACT further to amend the Shops and Hawkers (Business Hours) Act, 1957.**

C. MIFSUD
*Clerk to the House of Representatives*

# ABBOZZ TA' LIĠI

msejjaħ

*ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1957 dwar il-Ħinijiet tax-Xogħol tal-Ħwienet u tal-Bejjiegħa fit-Toroq.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej: —

Titolu fil-qosor.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1977 li jemenda l-Att dwar il-Ħinijiet tax-Xogħol tal-Ħwienet u tal-Bejjiegħa fit-Toroq, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1957 dwar il-Ħinijiet tax-Xogħol tal-Ħwienet u tal-Bejjiegħa fit-Toroq, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 6B ta' l-Att prinċipali.

2. Minflok l-artikolu 6B ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Kjoskijiet tal-*petrol*.

6B. (1) Kull kjosk tal-*petrol* għandu jkun magħluq għall-qadi tal-parruċċani —

(i) nhar ta' Ħadd u btajjel pubbliċi oħra, u

(ii) mhux iktar tard mit-8 p.m. f'kull ġurnata oħra matul il-perijodu bejn l-1 ta' Ottubru ta' kull sena u l-31 ta' Mejju tas-sena ta' wara u mhux aktar tard mid-9 p.m. f'kull ġurnata bħal dik matul il-perijodu bejn l-1 ta' Ġunju u t-30 ta' Settembru ta' kull sena, f'kull każ iż-żewġ dati inklużi,

u ma jitħalla li jsir ebda qadi ta' parruċċani qabel il-5 a.m. tal-ġurnata ta' wara:

Iżda, f'kull wieħed mid-distretti hekk kif speċifikati fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att, żewġ kjoskijiet tal-*petrol*, skond *roster* ippreparat minn żmien għal żmien mid-Direttur tax-Xogħol u Emigrazzjoni, għandhom jibqgħu miftuħin għall-qadi ta' parruċċani sa nofs inhar fil-Ħdud, u fil-btajjel pubbliċi l-oħra:

Iżda wkoll, il-persuna inkarigata minn kull kjosk tal-*petrol* li ma jkollhiex permess li tiftaħ f'xi Ħadd, jew fi btala pubblika oħra skond id-disposizzjonijiet ta' dan issubartikolu għandha tieħu ħsieb li jitwaħħal ma' dak il-kjosk avviż li jkun jidher sewwa minn barra li juri l-isem u l-indirizz tal-kjoskijiet tal-*petrol* li jkollhom jinżammu miftuħa fl-istess distrett fejn ikun qiegħed l-imsemmi kjosk.

(2) Il-Ministru responsabbli għax-xogħol jista', minn żmien għal żmien, b'ordni jemenda t-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att.".

3. Minflok il-kliem "ta' l-Iskeda" li hemm fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 12 ta' l-Att prinċipali għandhom jidħlu l-kliem "ta' l-Ewwel Skeda". Emenda ta' l-artikolu 12 ta' l-Att prinċipali.

4. Minflok l-intestatura "SKEDA" minnufih wara l-artikolu 13 ta' l-Att prinċipali għandha tidħol l-intestatura "L-EWWEL SKEDA". Emenda ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-Att prinċipali.

5. Minnufih wara l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali għandha tiżdied l-Iskeda ġdida li ġejja: Żieda ta' Skeda ġdida ma' l-Att prinċipali.

"IT-TIENI SKEDA

| *Distrett Nru.* | *Lokalitajiet* |
|---|---|
| 1 | Valletta / Furjana / Pietà |
| 2 | Ħamrun / Sta. Venera / Blata l-Bajda / Marsa |
| 3 | Gżira / Msida |
| 4 | Ħal Balzan / Birkirkara / Ħal Lija |
| 5 | Ħal Luqa / Ħal Tarxien / Sta. Luċija / Ħal Safi / Ħal Kirkop / Żurrieq |
| 6 | Mellieħa / San Pawl il-Baħar |
| 7 | Mġarr / Mosta / Għargħur / Naxxar |
| 8 | Birżebbuġa / Bir-id-Deheb/Gudja / Ħal Għaxaq / Żejtun / Marsaxlokk |
| 9 | Bormla / Isla / Birgu / Kalkara / Ħaż-Żabbar / Fgura / Pawla |
| 10 | Ħal Qormi / Ħaż-Żebbuġ / Siġġiewi |
| 11 | Ħ'Attard / Mrieħel / Rabat / Ħad-Dingli |
| 12 | Sliema / San Ġiljan / San Ġwann / Paceville |
| 13 | Għawdex" |

---

## Għanijiet u Raġunijiet

L-Għan ta' dan l-Abbozz huwa li jemenda l-Att ta' l-1957 dwar il-Ħwienet tax-Xogħol u tal-Bejjiegħa fit-Toroq sabiex, nhar ta' Ħadd, u btajjel pubbliċi oħra, numru limitat biss ta' kjoskijiet tal-*petrol* jiftħu għax-xogħol fuq sistema ta' *roster*.

# A BILL

## entitled

*AN ACT further to amend the Shops and Hawkers (Business Hours) Act, 1957.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows: —

Short title.

1. This Act may be cited as the Shops and Hawkers (Business Hours) (Amendment) Act, 1977, and shall be read and construed as one with the Shops and Hawkers (Business Hours) Act, 1957, hereinafter referred to as "the principal Act".

Substitution of section 6B of the principal Act.

2. For section 6B of the principal Act there shall be substituted the following:

"Petrol kiosks.

6B. (1) Every petrol kiosk shall be closed for the serving of customers—

(i) on Sundays and other public holidays, and

(ii) not later than 8 p.m. on any other day during the period from the 1st day of October of any year to the 31st day of May of the next succeeding year and not later than 9 p.m. on any such day during the period from the 1st day of June to the 30th day of September of any year, in either case both days included,

and no serving of customers shall be permitted before 5 a.m. of the next following day:

Provided that, in each of such districts as are specified in the Second Schedule to this Act, two petrol kiosks, in accordance with a roster prepared from time to time by the Director of Labour and Emigration, shall remain open for the serving of customers up to 12 noon on Sundays and other public holidays:

Provided further that, the person in charge of any petrol kiosk not allowed to be open on any Sunday or on another public holiday in accordance with the provisions of this subsection shall cause to be affixed to the said kiosk a notice clearly visible from the outside showing the name and address of the petrol kiosks which are required to be kept open in the same district in which the said kiosk is situated.

(2) The Minister responsible for labour may, from time to time, by order amend the Second Schedule to this Act.".

3. For the words "of the Schedule" in subsection (1) of section 12 of the principal Act there shall be substituted the words "of the First Schedule". Amendment of section 12 of the principal Act.

4. For the heading "SCHEDULE" immediately after section 13 of the principal Act there shall be substituted the heading "FIRST SCHEDULE". Amendment of Schedule to the principal Act.

5. Immediately after the First Schedule to the principal Act there shall be added the following new Schedule: Addition of new Schedule to the principal Act.

"SECOND SCHEDULE

| *District No.* | *Localities* |
|---|---|
| 1 | Valletta / Floriana / Pietà |
| 2 | Ħamrun / Sta. Venera / Blata l-Bajda / Marsa |
| 3 | Gżira / Msida |
| 4 | Balzan / Birkirkara / Lija |
| 5 | Luqa / Tarxien / Sta. Luċija / Safi / Kirkop / Żurrieq |
| 6 | Mellieħa / St Paul's Bay |
| 7 | Mġarr / Mosta / Għargħur / Naxxar |
| 8 | Birżebbuġa / Bir-id-Deheb / Gudja / Għaxaq / Żejtun / Marasaxlokk |
| 9 | Cospicua / Senglea / Vittoriosa / Kalkara / Żabbar / Fgura / Paola |
| 10 | Qormi / Żebbuġ / Siġġiewi |
| 11 | Attard / Mrieħel / Rabat / Dingli |
| 12 | Sliema / St Julian's / San Ġwann / Paceville |
| 13 | Gozo" |

## Objects and Reasons

The Object of this Bill is to amend the Shops and Hawkers (Business Hours) Act, 1957, so that, on Sundays and other public holidays, a limited number of petrol kiosks only shall be open for business on a roster system.

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni — *Published by the Department of Information*
Stampat fl-U C S — Stamperija tal-Gvern — *Printed at the C O S — Government Printing Press*
Prezz 1c — *Price 1c*